MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2014

Numru. 73/2012

Il-**Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Christian Spiteri**

Numru 73/2012

Illum 26 ta' Marzu 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Christian Spiteri**, ta' hamsa u ghoxrin (25) sena, iben Saviour u Marija neé Cordina, imwieled imwieled Rabat, Ghawdex, fil-5 ta' Lulju 1986, u residenti 'Shalom', Triq is-Sarg, Kercem, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 24486(G), akkuzat talli nhar is-7 ta' Gunju 2012, ghall-habta ta' 4.20 ta' wara nofsinhar u fil-granent ta' qabel, waqt li kien jinsab fi Triq is-Sarg, Kercem, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi:

1. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk il-fatti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioé numru ta' registrazzjoni falz ta' mutur u numru jaqra ABJ 108;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi ghamel uzu min-numru tar-registrazzjoni ta' mutur jaqra' ABJ 108;

3. ghamel uzu minn marka ta' registrazzjoni xort'ohra minn dik moghtija mill-Awtorita dwar it-Trasport f'Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari (Regolament 44(5) L.N. 198/2009);

4. fl-istess data, hin u cirkustanzi gewwa l-Gzejjer Maltin fi bnadi differenti saq vettura bil-mutur bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 108, tal-ghamla Honda CR 125R, minghajr ma kien kopert b'licenzja ta' sewqan kurrenti mahruga mid-direttur tal-awtorita kompetenti;

5. fl-istess data, hin u cirkustanzi gewwa l-Gzejjer Maltin fi bnadi differenti saq vettura bil-mutur bin-numru tar-registrazzjoni ABJ 108, tal-ghamla Honda CR 125R, minghajr ma kien kopert bil-polza tas-sigurta' dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Il-Prosekuzzjoni, f'kaz ta' htija, talbet li l-imputat jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu l-ebda licenzja ta' sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidhrilha li hu xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "C").

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tallum, is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tal-imputazjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat, il-fedina penali tieghu – li hija wahda nadifa (Dok. "B"), u l-ammissjoni tieghu, li minkejja li ma jistghax jinghad li kienet wahda bikrija xorta wahda ser tittiehed in konsiderazzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Artikoli 183 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 44(5) tal-Avviz Legali 198/2009, Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikoli 3(1), 3(2)(a) u 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Christian Spiteri hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u:

- fir-rigward tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tmintax-il xahar mil-lum.

  Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

- fir-rigward tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' elfejn u seba' mitt Euro (€ 2700.00) u tordna li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal

zmien ta' tnax-il xahar li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------